MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 2111/2004

**Gasan Mamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Mark Zammit (ID: 278472 M) sija bi-polza u sija bil-liġi u l-istess Mark Zammit**

Vs

**Anthony George Azzopardi (ID: 522896 M)**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attriċi għal ħlas ta' erba' mija u ħamsa u ħamsin lira Maltija u wieħed u erbgħin ċenteżmu (Lm455.41) dovuti għal kumpens ta' danni kaġunati f'inċident stradali fl-20 ta' Marzu, 2004 fi Triq is-Sebħ, Qormi.

Bl-ispejjeż u bl-interessi kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwieġeb għalihom bil-ġurament u b’hekk il-kreditu jiġi pruvat ai termini ta’ l-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi għalkemm notifikat regolarment fis-17 ta’ Jannar, 2005 il-konvenut naqas u ma deherx meta ġew ippreżentati l-kapitoli fit-23 ta’ Mejju, 2005 u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra.

Jiddeċiedi billi jilqa’ t-talbiet attriċi bl-ispejjeż u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------